**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 16 ta' Frar 2017**

Numru 10

**Rikors Guramentat Nru. 914/2016**

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali**
**tas-socjeta PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr Benjamin Valenzia u P.L. Luisa Tufigno**
**nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lil Yiwu Yixuan Imp.&Exp. Co. Ltd.**
**b'digriet tad-9 ta' Novembru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-12 ta' Ottubru 2016 li jghid hekk:

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravvjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' zraben ta' "Puma" liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta attrici u ghandhom "clear cut infingements of PUMA trademarks".

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003).

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravvjena t-trademark jew trademarks proprjeta tas-socjeta attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta attrici;
2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f'Malta fil-container BMOU6455797 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghal azzjoni ta' danni;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-5 ta' Dicembru 2016 fejn ecceppew:

1. In linea preliminari l-mandatarju specjali Dr Philip Manduca ghandu jipprezenta l-prokura li biha hu gie appuntat bhala mandatarju specjali.

2. Ir-rikorrent noe ghandu jipprezenta estratt tar-registrazzjonijiet originali tal-marki trademarks – in kwistjoni cioe 13091 u 13092.

3. Ir-rikorrent noe ghandu jgib dik il-prova mehtiega sabiex jipprova illi tali zraben mhumiex mudelli tas-socjeta rikorrenti.

4. Ir-rikorrent noe wkoll ghandu jgib dawk il-provi kollha necessarji sabiex jindika kif gew kagunati d-danni illi hu qed jitlob u jikkwantifika l-imsemmija danni.

5. Ir-rikorrent noe ghandu jipprovdi l-ahhar indirizz maghruf tal-intimati hekk kif rapprezentati mill-kuraturi deputati.

6. Ghall-bqija l-kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti u ghaldaqstant jirrizervaw illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kuratur irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki 'PUMA' u 'Cat' u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks f'Malta bin-numri 13091 u 13092.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container numru BMOU6455797 kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM VELA li kien diehel Malta fid-9 ta' Settembru 2016 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja kontenenti f'elfejn seba' mija u sitta u tletin (2,736) pari zraben sportivi u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 11 ta' Ottubru 2016 (fol. 33) maghmul min Neil Narriman, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 31 ta' Ottubru 2016 (fol. 27) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Neil Narriman li kkonfermaw li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi dawk sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti huma a karigu tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'elfejn seba' mija u sitta u tletin (2,736) pari zraben sportivi u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru BMOU6455797 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tordna lil konvenuta thallas l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur